Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 90/2010AE

**Citadel Insurance p.l.c. (C 21550) kif surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Difesa u l-istess Mario Difesa (KI 333055M)**

**vs**

**Anthony Mizzi (KI 529562M)**

L-Erbgha, 16 ta' Dicembru 2015.

Permezz ta' rikors prezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas kumpens ghal hsara li saret fil-proprjeta tal-attur Difesa u assikurat mas-socjeta' attrici. Il-konvenut wiegeb li:

1.In-nullita' tan-notifika tar-rikors ghaliex in-notifika ma saritx fir-residenza tieghu.
2.Il-proprjeta li minnha allegatament saret il-hsara, kienet tappartjeni lill-konvenut u martu Edna Mizzi u kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ir-rikors promotur hu null ghaliex Edna Mizzi kellha tkun parti fil-process.
3.L-azzjoni tal-atturi hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.
4.Il-fond m'ghadux proprjeta tal-konvenut u martu.
5.Ir-rikors hu dezert skond l-Artikolu 963 tal-Kap. 12.
6.L-incident li sehh ma jwassalx ghal tort fuq il-konvenut.
7.Id-danni li ntalbu huma eccessivi.

B'sentenza tat-13 ta' Jannar 2014, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet l-ewwel, tieni u hames eccezzjoni u laqghet it-tielet u raba' eccezzjoni.

L-atturi appellaw minn dik il-parti tas-sentenza li tirrelata ghat-tielet u raba' eccezzjoni.

Fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2015[1] saret trattazzjoni u l-appell gie differit ghas-sentenza.

**<u>L-Ewwel Aggravju, b'riferenza ghat-tielet eccezzjoni.</u>**

It-tielet eccezzjoni hi li l-azzjoni tal-atturi hi preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kap 16. L-atturi

[1] Fol 50.

lmentaw li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti ma ssibx sostenn fil-ligi. Huma jsostnu wkoll li huwa nkostetat li d-danni gew sofferti mir-rikorrent Difesa f'April 2008 u ghalhekk fi kwalunkwe kaz il-kawza giet intavolata qabel id-dekors tas-sentejn ravvizati mill-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Fis-sentenza l-ewwel qorti kkonkludiet:

*"Peress illi jirrizulta illi l-azzjoni odjerna nbdiet fis-16 ta' Marzu 2010 u l-intimat ta ruhu notifikat bl-avviz fit-23 ta' Mejju 2013, jirrizulta ben ippruvat illi l-perjodu ta' sentejn provdut mill-Artikolu 2153 f'kazijiet ta' danni skada u ghalhekk l-eccezzjoni mressqa mill-intimati jimmerita illi tigi milqugha"*.

Qabel ma tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar dan l-aggravju, l-Qorti tissottolineja s-segwenti principji li huma rilevanti ghall-vertenza:-

i. Hemm distinzjoni netta bejn att gudizzjarju (bhal ittra ufficjali jew protest) li jintbaghat bl-iskop li tigi nterrotta l-preskrizzjoni u l-att gudizzjarju li bih tinbeda l-kawza. Ghal finijiet ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni att gudizzjarju bhal dak irid jigi notifikat skond il-ligi[2]. Min-naha l-ohra meta jigi pprezentat l-att gudizzjarju li bih tinbeda kawza, il-preskrizzjoni ma tkomplix tiddekorri. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-kawza

ii. Kif qalet din il-qorti[3] fil-kawza **Luciano Martinelli nomine vs Saviour Pisani**, 22 ta' Gunju 2005:

*"skond orjentament iehor "min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli. Ikun imbaghad jispetta lill-attur-kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezzi li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni" – "**Josianne Sciberras -vs- Giovanni Vella et**", Appell, 21 ta' Frar 1996; "**Jeremy Holland -vs- Joseph Chetcuti**", Appell, 25 ta' Frar 2000;*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li dan l-ahhar insenjament jaghmel aktar sens guridiku. L-Artikolu 2107 (2), Kodici Civili jipprovdi li "l-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi"; Innegabilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f' sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu*

[2] Art 2130 tal-Kap 16.

[3] Imhallef P. Sciberras.

*azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali"*[4];

iii. L-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss"*. Fil-kawza **Mizzi Estates Limited vs Frank Borda et**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014, intqal:

*"Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta ssir il-hsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-hsara. Fil-kawza Xuereb v Agius, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih". It-test huwa wiehed oggettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-hsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza Mohnani v. Stivala, deciza fil-11 ta' Gunju, 2010, qalet:*

*"……. jibda biex jigi registrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodici Civili, "bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-ligi allura kien dak oggettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom jorigina d-dritt tal-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna tal-attur u cioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni" ("Raphel Micallef -vs-Anthony Agius", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbaghad, "iz-zmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Jannar 1953")".*

iv. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li r-rikorrent huwa mehlus milli jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu[5];

v. Il-Qorti dejjem u f'kull każ ghandha l-obbligu li tistharreg d-data minn meta l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. Meta mill-provi li jitressqu m'hijiex f'posizzjoni li tasal ghal xi konkluzjoni, ghandha tichad l-eccezzjoni (ara sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet **John Bugeja vs Joseph Gauci**, 28 ta' Novembru 2002).

---

[4] Ara wkoll, **Victor Portelli vs Mark Psaila**, Prim Awla tal-Qorti Civili 29 ta' Mejju 2003; ara wkoll **Stencil Pave (Malta) Limited Vs Kunsill Lokali Naxxar**, Prim'Awla deciz 30 t'Ottubru 2003.

[5] **Ronald Naudi noe vs Unispeed Shipping and Forwarding Limited** (Cit Nru 2264/2000JRM) deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 2003

Mill-atti li tressqu quddiem l-ewwel qorti jirrizulta li:-

**i.** M'hemmx prova li qabel l-atturi pprezentaw il-kawza, kienu pprezentaw xi atti gudizzjarju ghal fini ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

**ii.** M'hemmx prova dwar meta l-allegata hsara fil-fond in kwistjoni grat;

**iii.** Waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2013 il-konvenut ressaq provi dwar uhud mill-eccezzjonijiet preliminari pero' fir-rigward tat-tielet eccezzjoni qal li m'ghandux provi;

**iv.** Il-kawza giet differita ghall-provi tal-atturi fuq l-ewwel hames eccezzjonijiet tal-intimati, u waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2013 l-istess atturi ddikjaraw li m'ghandhomx provi xi jressqu dwar il-hames eccezzjonijiet imsemmija. Saret trattazzjoni u l-kaz gie differit ghas-sentenza dwar dawn l-eccezzjonijiet.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tasal biex taqbel fil-principju mal-appellanti li r-rikors promotur prezentat minnhom fis-16 ta' Marzu 2010 jista' jitqies li jservi ta' nterruzzjoni ghall-perjodu ta' preskrizzjoni irrispettivament mid-data tan-notifika tal-istess att. Pero' l-problema fil-proceduri odjerni tmur lil hinn minn dan il-principju ghax l-ewwel u qabel kollox irid jigi stabbilit minn meta beda jiddekorri dak il-perjodu ta' preskrizzjoni. L-ewwel qorti zbaljat meta kkalkolat iz-zmien mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur sakemm gie notifikat lill-konvenut. Ezercizzju li m'ghandu x'jaqsam xejn ma' eccezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva. Inoltre m'hemmx prova dwar meta grat il-hsara li dwarha l-atturi qeghdin jitolbu d-danni. Kull m'hemm hi dikjarazzjoni tal-atturi fir-rikors tal-appell li: *"3. Illi huwa inkontestat li d-danni geew sofferti mir-rikorrenti Difesa fix-xahar t'April tas-sena 2008"*. Dikjarazzjoni li m'hijiex sorretta minn provi.

Fir-risposta ghall-appell (fol. 31), il-konvenut argumenta li d-data meta sehh l-allegat event dannuz qatt ma kienet oggettivament determinabbli la ghalih u lanqas ghar-rikorrenti appellati ghax lanqas fir-rikors promotur ma giet indikata data[6]. Jekk hu hekk mela eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax tirnexxi.

Fic-cirkostanzi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva kellha tigi michuda.

**It-Tieni Aggravju b'riferenza ghar-raba' eccezzjoni.**

Ir-raba' paragrafu tat-twegiba tal-konvenut taqra: *"Il-fond de quo m'ghadux proprjeta tal-konjugi Mizzi"*[7].

F'dan ir-rigward l-ewwel qorti qalet:-

---

[6] Fol. 34.

[7] Fol. 29.

*"Mid-dokumentazzjoni mressqa mill-istess intimat, jirrizulta illi fit-22 ta' Dicembru 2008 l-intimat kien biegh il-propjeta lil terzi u ghalhekk ma baqax propretarju tal-fond meritu tal-kawza odjerna. Peress illi l-Qorti ma ghandha ebda indikazzjoni dwar meta sehh l-allegat incident, ikollha tistrieh fuq il-fatti kif kienu fil-mument illi giet ippresentata l-kawza odjerna u, jirrizulta li, meta giet ippresentata l-kawza, l-intimati ma kienux propretarji tal-fond fejn kien qieghed jigi notifikat l-intimat u minn fejn, presumibbilment, gara il-hsara. Ghalhekk, dina l-eccezzoni timmerita illi tintlaqa wkoll"*.

Il-qorti tosserva:-

i. Fir-rikors promotur l-atturi talbu l-hlas ta' €4,378.35 bhala *"kumpens ghal hsara rekata fil-fond ossija Flat 6, Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema proprjeta tar-rikorrenti Mario Difesa u assikurat mas-socjeta assikuratrici rikorrenti u liema hsara giet ikkagunata esklussivament bi htija tal-intimat Anthony Mizzi"*.
ii. Fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2013 il-konvenut xehed li hu u martu kienu sidien tal-fond numru 8, Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema u fit-22 ta' Dicembru 2008 bieghuh[8].
iii. L-atturi ma ressqux provi.

Il-qorti fehemet ir-raba' eccezzjoni fis-sens li l-konvenut isostni li m'huwiex legittimu kontradittur ghar-raguni li ma kienx ghadu sid tal-appartament numru 8. Ghalkemm quddiem l-ewwel qorti ma tressqux provi dwar x'konnessjoni jista' hemm bejn l-appartament numru 8 u l-hsara li l-atturi jallegaw li saret fl-appartament numru 6, jidher li l-atturi qeghdin jallegaw li l-hsara fl-appartament ta' Difesa grat minhabba incident li sehh fl-appartament tal-konvenut. Hu evidenti li l-konvenut kien sa mill-bidu tal-proceduri jaf x'inhi t-tezi tal-atturi, tant li fit-twegiba qal:-

i. *"2...... il-proprjeta li minnha allegatament sehh id-dannu hija proprjeta li kienet tappartjeni lil Anthony Mizzi u martu Edna Mizzi ......."*;
ii. *"6. .... L-incident li sehh kien incident li certament ma jwassalx ghall-tort fuq l-esponent"*;
iii. *"7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni mitlub huma eccessivi u ghandha ssir il-prova ta' dan filwaqt li jigu pprezentati l-oggetti li gew mibdula u l-valur tal-istess"*.

Sentenza dwar eccezzjoni trid tindirizza dak li l-konvenut jkun iddikjara fiha. Fil-kaz in ezami il-konvenut ma tax eccezzjoni generika li m'huwiex legittimu kontradittur, f'liema eventwalita' l-atturi kien ikollhom l-oneru tal-prova li tezisti relazzjoni guridika bejn il-kontendenti. Il-konvenut illimita ruhu ghal dikjarazzjoni li *"... il fond de quo m'ghadux proprjeta tal-konjugi Mizzi"*. B'daqhsekk ma jfissirx li l-qorti ghandha tiddikjara li m'huwiex il-legittimu kontradittur.

[8] Ara wkoll kuntratt ta' bejgh (fol. 52).

Li kieku hemm prova li l-hsara allegata saret wara li l-konvenut biegh il-fond tieghu, allura l-eccezzjoni setghet tintlaqa'. Pero' m'hemmx din il-prova. Fic-cirkostanzi, fil-fehma tal-qorti ir-raba' paragrafu tat-twegiba tal-konvenut ma kellux iservi biex il-qorti tichad it-talba tal-atturi.

**Ghal dawn il-motivi tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Jannar 2014, fis-sens li:-**

1. **Thassar dik il-parti fejn l-ewwel qorti laqghet it-tielet eccezzjoni tal-konvenut, u tichad l-istess eccezzjoni.**
2. **Thassar dik il-parti fejn l-ewwel qorti laqghet ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li ghalkemm mill-provi rrizulta li fit-22 ta' Dicembru 2008 il-konvenut biegh l-appartament numru 6 ma jfissirx li m'huwiex legittimu kontradittur. Ghaldaqstant, tichad l-eccezzjoni.**

**Spejjez tal-ewwel sentenza in konnessjoni mat-tielet u raba' eccezzjoni kif ukoll spejjez tal-appell a karigu tal-konvenut.**

**Tordna li l-atti jintbaghatu lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tissokta bis-smiegh tal-kawza.**

Anthony Ellul.